IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2012
COM(2012) 750 final

ANNESS

ABBOZZ TAR-RAPPORT KONĠUNT DWAR L-IMPJIEGI

lill-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Stħarriġ Annwali ta' Tkabbir 2013

INTRODUZZJONI

L-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, kif mitlub mill-Artikolu 148 tat-TFUE, huwa parti mill-pakkett tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (AGS) biex iniedi s-Semestru Ewropew tal-2013. Bħala kontribut ewlieni għal gwida ekonomika msaħħa, ir-RIK jirfed il-messaġġi kruċjali dwar l-impjiegi li jinstabu fis-SAT. L-analiżi li fih hija bbażata fuq l-impjiegi u s-sitwazzjoni soċjali fl-Ewropa, dwar l-implimentazzjoni tal-Linji gwida għall-Impjiegi[1], fuq l-eżami tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma li wasslu biex rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew adottati mill-Kunsill f'Lulju 2012 u dwar l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom s'issa.

Ir-rapport qed jiġi maħruġ fi żmien meta:

Waqaf l-irkupru tal-impjiegi. L-impjiegi qed jonqsu u l-prospetti huma skoraġġanti għall-2013. Il-ħolqien tal-impjiegi baqa' imrażżan u mar għall-agħar minkejja l-potenzjal mhux sfruttat f'xi setturi rikki fl-impjiegi u madwar is-suq uniku. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol kompla jiżdied b'żieda f'kuntratti temporanji u xogħol part-time. Tassazzjoni fuq ix-xogħol għadu għoli u kompla jiżdied f'numru ta' Stati Membri.

Il-qgħad qed jikber mill-ġdid u laħaq livelli rekord fiż-żona tal-euro, fejn il-qgħad fuq żmien twil laħaq l-ogħla livelli allarmanti, speċjalment fl-Istati Membri taħt konsolidazzjoni fiskali f'saħħitha. Aktar minn wieħed minn kull ħames żgħażagħ fis-suq tax-xogħol huwa qiegħed u hemm riskju li tintilef ġenerazzjoni.

Id-disparità fir-rati tal-qgħad bejn l-Istati Membri żdiedet b'mod drammatiku u tirrifletti l-effetti tax-xokkijiet assimetriċi u r-reżistenza tas-swieq tax-xogħol differenti għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Pagi u spejjeż tax-xogħol bdew jaġġustaw iżda l-effetti tar-riformi għad mhumiex viżibbli għal kollox. Sinjal ta' deterjorament tal-proċess tat-tqabbil tal-impjiegi fuq is-swieq tax-xogħol Ewropej huwa kkonfermat u hemm riskju li żieda fil-qgħad strutturali se tippersisti.

Id-dħul medju għal unità domestika qed jonqos f'ħafna Stati Membri u dejta reċenti tindika xejra ta' livelli ogħla u forom iktar profondi ta' faqar u esklużjoni soċjali mal-faqar fost il-ħaddiema u l-polarizzazzjoni soċjali qed jiżdiedu f'ħafna Stati Membri.

L-effetti ta' ħarsien soċjali bħala stabbilizzatur awtomatiku ġew imdgħajfa mill-2010 u ħolqu aktar rati tal-faqar. Hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fl-effiċjenza tal-infiq tagħhom meta niġu għat-tnaqqis tal-faqar.

Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-impjiegi fl-Ewropa, u b'mod partikolari f'xi Stati Membri, isejjaħ għal aktar azzjoni determinata mill-awtoritajiet pubbliċi u l-imsieħba soċjali. Riformi ambizzjuži qed jiġu implimentati iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu modernizzati s-swieq tax-xogħol tagħna u ninvestu fil-kapital uman biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal irkupru li jkun rikk fl-impjiegi


[1] Ġurnal Uffiċjali L308/46, 24.11.2010, "Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (2010/707/UE)"

1. TENDENZI RIĊENTI TAS-SUQ TAX-XOGĦOL U TAL-IŻVILUPPI SOĊJALI

Il-previżjoni ekonomika u tal-impjiegi hija negattiva u marret għall-agħar f'dawn l-aħħar xhur. Jekk l-2012 se tkun sena negattiva mill-perspettiva tal-impjiegi, iż-żidiet żgħar imbassra fil-PGD fl-2013 mhux se jkunu biżżejjed biex jinħolqu l-impjiegi u biex jitnaqqas il-qgħad. Aktar ħarsa pożittiva lejn is-swieq tax-xogħol hija mistennija fl-2014. L-UE bħalissa hija l-unika reġjun ewlenija fid-dinja fejn il-qgħad għadu qed jiżdied.

L-irkupru tal-impjiegi waqaf u l-impjiegi qed jonqsu. L-għadd ta' persuni li għandhom bejn l-20 u l-64 sena fl-impjiegi fl-UE naqas b'0.2% mill-Q2 2011 sal-Q2 2012. Fil-perjodu 2008 – 2011 l-impjiegi naqsu sew minn 1,7%, li juri aktar reżiljenza mill-Istati Uniti matul l-istess perjodu (-5,8). Madankollu t-tnaqqis kien ikbar fiż-żona tal-euro, speċjalment f'dawk il-pajjiżi li impenjaw ruħhom b'aktar konsolidazzjoni fiskali sostanzjali. Mill-bidu tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fl-2008, l-għadd ta' impjiegi mitlufa llum jgħodd 5 miljuni, li minnhom 4 miljuni kienu mitlufa fiż-żona tal-euro. Iċ-ċaqliq fl-impjiegi ġenerali sa mill-bidu nett tal-kriżi ġie xprunat prinċipalment minn xogħol part-time u kuntratti temporanji, iżda ntlaqtu wkoll kuntratti permanenti ta' impjiegi.

Figura 1: L-impjiegi u l-qgħad fl-UE 27, 2005-2012



Sors: *Eurostat, Kontijiet Nazzjonali, u EU LFS*


Karatteristika pożittiva hija li r-rata ta' impjiegi tal-ħaddiema aktar anzjani żdied minn 1.8 p.p. bejn l-2008 u l-2011, meta mqabbel ma' 1.5 p.p. tnaqqis fir-rata tal-impjiegi ġenerali. In-nisa ffaċċjaw ukoll il-kriżi ekonomika b'mod relattivament aħjar minn irġiel b'rati ta' impjieg kważi fl-istess livell bħall-2008 filwaqt li r-rata tal-impjieg tal-irġiel naqset minn 2.6p.p. matul l-istess perjodu. Fl-istess ħin, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ naqset bi 3.8 p.p.

Il-qgħad qed jonqos mill-ġdid u laħaq livelli rekord fiż-żona tal-euro. Ir-rata globali tal-qgħad tal-UE bħalissa huwa madwar 10.6%, filwaqt li fiż-żona tal-euro tilħaq 11.6%, l-ogħla livell mit-twelid tal-EMU. F'Mejju 2012 l-għadd ta' nies qiegħda fl-UE qabżet il-25 miljun persuna għall-ewwel darba u żdied b'0.75 miljun aktar fil-kwart minn dakinhar, li jirrappreżenta żieda totali ta' kważi 9 miljuni mill-2008. Ix-xejra fil-qgħad hija 'l fuq fil-maġġoranza tal-Istati Membri, b'sitt pajjiżi biss li juru tnaqqis fil-qgħad matul l-aħħar 12-il xahar sa Awwissu 2012.

Il-qgħad fuq żmien twil laħaq livelli għoljin allarmanti. Fit-tieni kwart tal-2012 11.1 miljun Ewropej qiegħda kienu ilhom qiegħda għal aktar minn 12-il xahar, li jammonta għal 4.6% tal-popolazzjoni attiva[2]. Dan jirrappreżenta żieda ta' 4,8 miljun meta mqabbel mal-2008. Fl-2011, 70% ta' dawk qiegħda fuq żmien twil fl-UE-27 kienu kkonċentrati fis-6 l-ikbar Stati Membri, bi Spanja responsabbli għal aktar minn 21% tan-numru totali ta' qiegħda fuq żmien twil fl-UE u li jikkontribwixxu 1.6 miljun għal 3.7 miljun żieda fin-numru ta' nies qiegħda fit-tul matul l-2008-2011.

Il-probabbiltà għal persuni qiegħda biex isibu impjieg naqas fil-parti l-kbira tal-Istati Membri minn mindu faqqgħet il-kriżi, kemm għal żmien qasir u li ilhom qiegħda għal żmien twil. Dan it-tnaqqis kien partikolarment prominenti għal Stati Membri li jkunu suġġetti għal miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali sinifikanti. Fi Spanja l-probabbiltà naqset minn 50% għal 30% u fil-Greċja din naqset minn 25% għal 15% filwaqt li din baqgħet stabbli fl-Olanda u tjiebet fir-Repubblika Ċeka u l-Estonja.

Figura 2: Ir-rata ta' qgħad fuq żmien twil f'% ta' popolazzjoni attiva, 2008 u 2011



Sors: Eurostat, EU-LFS

Il-qgħad għal żmien twil żdied għal gruppi kollha iżda l-iktar għaż-żgħażagħ u dawk b'livelli aktar baxx ta' edukazzjoni. Madankollu r-riskju li ħaddiema anzjani jispiċċaw qiegħda fuq żmien twil fl-2011 kien aktar minn 55% filwaqt li kien biss madwar 30% fil-każ taż-żgħażagħ. Fl-2011 il-qgħad fit-tul fost ħaddiema b'ħiliet baxxi kien erba' darbiet ogħla milli kif kien għal ħaddiema b'ħiliet għolja. Ċittadini ta' pajjiżi terzi wkoll irreġistrati darbtejn bħala qiegħda għolja fuq żmien twil bħala l-

[2] In-nies qiegħda fuq żmien twil bħalissa jirrappreżentaw aktar minn 44% tan-nies qiegħda.


medja tal-ħaddiema tal-UE fl-2011. Xi Stati Membri kienu kapaċi jillimitaw il-livell ta' qgħad fit-tul jew minħabba r-riċessjoni kienet iqsar jew minħabba l-effettività tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol.

Aktar minn wieħed minn kull ħames żgħażagħ fis-suq tax-xogħol huma qiegħda. Is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tirrappreżenta kemm dimensjoni ekonomika u soċjali ta' emerġenza b'5.52 miljun żagħżugħ qiegħda. Matul l-aħħar 12-il xahar, ir-rata tal-qgħad għaż-żgħażagħ żdiedet fil-parti l-kbira tal-Istati Membri u f'żewġ Stati Membri baqgħet f'livelli ogħla minn 50% u 'l fuq minn 30% f'sitta minnhom. Fl-2011 ir-rata tal-impjiegi ta' żgħażagħ li għandhom bejn 20 u 34 u li jiggradwaw minn tal-anqas fl-edukazzjoni sekondarja ogħla naqas b'4,2 punti perċentwali għal 77,2% meta mqabbla mal-2008, u ġibdu l-attenzjoni lejn id-diffikultajiet dejjem akbar fit-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg.

Persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien jiffaċċjaw prospetti skoraġġanti ta' impjieg. Persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien huma bla dubju l-aktar sottogrupp vulnerabbli ta' ħaddiema żgħażagħ tal-Ewropa. Madwar l-UE, aktar minn nofs iż-żgħażagħ li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien huma qiegħda. Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola naqas minn 14.1% fl-2010 għal 13.5% fl-2011. Disparitajiet wiesgħa tar-rati ESL ikomplu jeżistu bejn l-Istati Membri iżda dawk li introduċew politiki effettivi u komprensivi biex jikkumbattu t-tluq kmieni mill-iskejjel wkoll esperjenzaw titjib sinifikanti. Il-waqfien minn qabel tal-iskola għadu iktar frekwenti fost żgħażagħ minn sfondi żvantaġġati fost il-migranti u l-minoritajiet etniċi, bħar-Roma u fost is-subien.

Il-proporzjon taż-żgħażagħ li huma la fl-impjieg, fl-edukazzjoni, u lanqas fit-taħriġ (NEET) qed ikompli jiżdied. Iktar inkwetanti, iż-żidiet kienu ogħla f'dawk l-Istati Membri li diġà kellhom livelli ogħla. Minkejja l-akbar żieda reġistrata minn żgħażagħ irġiel, rati ta' żgħażagħ NEET jibqgħu ogħla għan-nisa żgħażagħ kważi fil-pajjiżi Ewropej kollha.


Figura 3: Is-sehem ta' NEETs fost dawk bejn il-15 u l-24 sena (%)



Sors: Eurostat, LFS

Id-dispersjoni tar-rati tal-qgħad bejn l-Istati Membri żdiedet b'mod ċar f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro. Id-diversità hija mmarkata ukoll fil-livelli reġjonali u lokali bi gruppi ta' qgħad għoli ħafna taż-żgħażagħ fuq żmien twil f'livell subnazzjonali. F'Awwissu 2012 il-qgħad kien l-inqas f'AT b' 4.5% biss filwaqt li din waslet għal 25.1% fl-ES. Sehem kbir ta' qgħad huwa kkonċentrat f'relativament ftit pajjiżi. Fil-fatt, l-għadd ta' nies qiegħda f'IT, ES u dawk il-pajjiżi li għandhom programmi ta' appoġġ finanzjarju (EL, IE, PT, RO) jirrappreżentaw kważi nofs il-qgħad kollu fl-UE u dan is-sehem żdied sinifikament matul il-kriżi.

Figura 4: Bidla fir-rata tal-qgħad (% punti) matul l-aħħar 12-il xahar u l-aħħar tliet xhur sa Awwissu 2012 u l-evoluzzjoni ta' distribuzzjoni ta' rati tal-qgħad bejn Awwissu 2009 u Awissu 2012




Sors: *Eurostat*

Noti: Eurostat. It-tieni Grafika: Dejta nieqsa għal 08'2012 għal 5 SM. Id-dejta użata: Ġunju għal EE u LV, Lulju għal EL, HU u UK

Id-distakk bejn l-Istati Membri fl-impjiegi u l-indikaturi soċjali qed jikber. Dan huwa partikolarment viżibbli bejn pajjiżi Ewropej tan-Nofsinhar u periferali. L-Istati Membri li wrew reżiljazzjoni aħjar s'issa huma l-aktar pajjiżi Ewropej tat-Tramuntana u Ċentrali. Ix-xokkijiet jidhru li huma asimmetriċi iżda ta' spiss pajjiżi b'relattivament swieq tax-xogħol mhux segmentati, b'sistemi soċjali qawwija u l-kapaċità li jaġġustaw temporanjament sigħat tax-xogħol u żmien ta' xogħol (flessibbiltà interna) marru aħjar.

Dejta reċenti turi li l-pagi u l-ispejjeż tax-xogħol bdew jappoġġaw bilanċjament mill-ġdid estern. Fl-2011, is-swieq tax-xogħol Ewropej urew sinjali ċari ta' titjib fid-dinamiċi tal-pagi, bi spejjeż nominali ta' unitajiet ta' xogħol jogħlew moderatament wara tnaqqis reali fl-2010. Kumpens reali għal kull impjegat naqas f'madwar nofs l-Istati Membri fl-2011 u espanda b'rata taħt dik tal-produttività, li tikkonferma x-xejra li bdiet fl-2010 tas-sehem ta' tnaqqis fil-pagi. Żviluppi fl-ispejjeż ta' unità tax-xogħol nominali li huma xi ftit differenti mal-Istati Membri. B'mod ġenerali, żviluppi fl-ispejjeż tal-unità tax-xogħol qed isegwu aktar xejriet li jsostnu ribilanċjament estern fejn kull ma jmur hemm differenza ċara bejn pajjiżi bi ħtiġijiet aktar b'saħħithom biex inaqqsu l-qgħad u r-ribilanċjament tal-pożizzjonijiet esterni u l-pajjiżi b'irkupru aktar sostnut u eċċessi favorevoli fil-kont kurrenti.

Figura 5: Ir-rata ta' tkabbir annwali fl-ispejjeż tal-unità tax-xogħol nominali (2011Q2/2012Q2) u t-tendenza madwar tmien Stati Membri magħżula (dawk li rċevew Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar il-kwistjoni ta' pagi), 2008Q2-2012Q2



Nota: *Dejta ta' kull 3 xhur aġġustata staġjonalment*


Sors: Eurostat. L-ewwel Grafika: Għall-każ ta' CY il-paragun huwa ma' 2012Q1 2011Q1 u (m'hemmx dejta dwar 2012Q2)

Sors: *Eurostat*

Id-disinn ta' qabel il-kriżi ta' dinamiċi aktar b'saħħithom tal-pagi reali f'pajjiżi b'riżultati fqar tal-qgħad inbiddel mill-2010. Dawn l-iżviluppi kkontribwew għal titjib gradwali tal-kompetittività ta' setturi orjentati lejn l-esportazzjoni. Id-domanda tax-xogħol u l-pagi tidher li hija aktar sostnuta fis-settur tal-affarijiet negozjabbli f'pajjiżi li stqarrew b'mod ċar jew kważi lestew proċess ta' korrezzjoni ta' żbilanċi fil-kontijiet kurrenti. Barra minn hekk, l-evidenza turi li sal-2009 d-dinamiċi tal-pagi reali kienu aktar b'saħħithom, iżda li din ix-xejra inqalbet mill-2010.

Id-dħul medju ta' unità domestika qed jonqos f'ħafna Stati Membri. Bejn l-2009 u l-2011 id-dħul disponibbli domestiku gross niżel fi tnejn minn kull tliet Stati Membri u s-sitwazzjoni bejn il-pajjiżi tbiegħdet aktar. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-kriżi ekonomika u tas-suq tax-xogħol imtawwla flimkien mal-ħtieġa biex tiġi segwita konsolidazzjoni fiskali (li tinvolvi tnaqqis fil-benefiċċji u żidiet fit-taxxi) dgħajfet l-effett protettiv tal-istabbilizzaturi awtomatiċi nazzjonali matul iż-żmien hekk kif benefiċjarji laħqu t-tmiem tal-intitolament ta' benefiċċji jew iffaċċjaw tnaqqis fil-livelli ta' benefiċċji. Bħala riżultat, id-dħul domestiku naqas speċjalment f'dawk l-Istati Membri fejn ir-riċessjoni kienet imtawwla. Miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali implimentati sal-2010 jidhru li kkontribwew biex titnaqqas b'mod sinifikanti d-dħul disponibbli domestiku.

Figura 6: Bidla fl-introjtu disponibbli domestiku gross matul il-kriżi




Sors: *Eurostat, Kontijiet nazzjonali*

Is-sehem tal-popolazzjoni tal-UE li jirrapporta li l-unitajiet domestiċi tagħhom qed jesperjenzaw diffikultà finanzjarja jibqa' storikament għoli, li ġeneralment żdied matul l-aħħar xhur. Iż-żieda ta' sena fuq sena tal-2012 fl-indikatur tal-istress finanzjarju fost l-aktar kwintil baxx kien partikolarment qawwi fi Spanja u l-Italja (sa 10 pp) filwaqt li ġie rrappurtat tnaqqis f'6 Stati Membri.

Dejta riċenti tindika livelli ogħla u forom iktar profondi ta' faqar u esklużjoni soċjali. Il-proporzjon ta' nies fir-riskju tal-faqar jew esklużjoni soċjali żdied f'għadd ta' Stati Membri sa mill-2008, li jiżboq in-numru li fih naqas. Xi gruppi kienu partikolarment milquta (inklużi t-tfal, familji b'ġenitur wieħed, tal-popolazzjoni fl-età attiva u aktar speċifikament żgħażagħ). L-evoluzzjoni fil-livell ta' faqar tikkonferma li dawk fir-riskju ta' faqar qegħdin jsiru ifqar f'bosta pajjiżi, speċjalment dawk fejn ir-rati tar-riskju ġenerali ta' faqar huwa għoli. Fl-2010 fl-UE, id-dħul medju ta' persuni f'riskju ta' faqar kien 22% inqas mil-limitu tal-faqar, li jixhdu approfondiment fid-differenza fil-faqar f'ħafna mill-Istati Membri sa mill-2008.

Figura 7: L-iżvilupp fin-numru ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali (AROPE) madwar l-Istati Membri tal-UE bejn l-2008 u l-2011



Sors: *EU-SILC; * dejta: SILC 2011(2010)*


Il-faqar tal-ħaddiema u l-polarizzazzjoni soċjali qed jiżdied f'bosta Stati Membri. Il-ħaddiema fqar jirrappreżentaw terz tal-adulti fl-età tax-xogħol fir-riskju tal-faqar fl-2011. Fl-2010, 8.4% tan-nies fl-impjiegi kienu qed jgħixu taħt il-limitu tal-faqar u r-riskju kien sinifikament ogħla għal familji bi tfal dipendenti (10.7%). Il-faqar tal-ħaddiema żdied b'mod sinifikanti fost in-nisa, iżda jibqa' ogħla għall-irġiel. Il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied b'mod sinifikanti f'wieħed minn kull tliet Stati Membri bejn l-2006 u l-2010, inklużi xi Stati Membru mill-iktar rikki b'ekonomiji u swieq tax-xogħol aktar reżiljenti. Fatturi bħal aġġustamenti tal-pagi, it-tnaqqis tas-sigħat tax-xogħol, arranġamenti dwar xogħol b'ħinijiet iqsar u ż-żieda ta' kuntratti part-time u temporanji setgħu kkontribwew għal dan.

2. SFIDI EWLENIN TAS-SUQ TAX-XOGĦOL

Tendenzi riċenti tas-suq tax-xogħol huma parzjalment ir-riżultat ta' movimenti ċikliċi, u b'mod partikolari tal-kriżijiet ekonomiċi profondi, imma huma wkoll strutturali u istituzzjonali minħabba l-isfidi tas-suq tax-xogħol li jaffettwaw l-attività ekonomika u l-prestazzjoni tas-swieq tax-xogħol.

Il-ħolqien nett tal-impjiegi (it-tkabbir fl-impjiegi) naqas b'mod konsistenti kemm fil-livell tal-UE u madwar l-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tal-2010. Sa nofs l-2011 l-Ewropa kollha marret lura għal valuri ta' rati ta' tkabbir negattiv ta' impjiegi. Dan huwa r-riżultat nett tax-xejra li qed tonqos ta' sejbiet ta' xogħol (nies qiegħda li jsibu impjieg) u xejriet li qed jiżdiedu f'separazzjonijiet f'impjiegi, li jsejħu għal politiki biex tiġi stimolata d-domanda għax-xogħol u mudell ta' tkabbir rikk għal aktar impjiegi[3]. Madankollu, fl-istess waqt, programmi għall-ħolqien ta' impjiegi appoġġati mill-Fondi Strutturali u l-Fondi ta' Koeżjoni jirrapportaw progress pożittiv sinifikanti kemm f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi gross u start-ups appoġġati.

Figura 8: Ir-rata tal-qgħad u r-rata għall-ksib ta' xogħol fl-UE-27, 2007Q1-2011Q4



Sors: *Kalkoli tas-Servizzi tal-Kummissjoni abbażi ta' dejta mill-Eurostat*

Il-potenzjal tal-ħolqien ta' impjiegi f'xi setturi ewlenin jista' jiġi sfruttat iżjed jekk jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-ħiliet. L-ekoindustrija hija stmata li toħloq madwar 8 miljun impjieg sal-2020, sa 2.8 miljun ta' dawn l-impjiegi li joriġinaw minn miżuri ta' effiċjenza tar-riżorsi, 2 miljuni mill-implimentazzjoni tal-politiki tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u 3 miljuni aktar mill-iżvilupp tas-settur tal-enerġija rinnovabbli[4]. Fl-2012, l-għadd ta' nies pprojettati biex jaħdmu fl-ekoindustriji speċifikament madwar l-UE hu mistenni li jkun ta' 3.4 miljun, żieda minn 2.7 miljun fl-2008, li juri li anke fil-klima ekonomika attwali hemm potenzjal ta' tkabbir fl-impjiegi fis-settur ekoloġiku. Bejn l-


[3] Ara il-"Pakkett dwar l-Impjiegi" tal-Kummissjoni Ewropea ta' April 2012

[4] SWD (2012) "L-Isfruttrar tal-Potenzjal tax-Xogħol ta' Tkabbir Ekoloġiku", 92final 18.4.2012,

2005 u l-2009, is-settur tar-rinnovabbli kkontribwixxa għall-ħolqien ta’ aktar minn 300,000 impjieg ġdid. Matul il-perjodu 2008-2011, is-settur tas-"saħħa u l-ħidma soċjali" ħoloq madwar 1 866 000 impjieg ġdid. Barra minn hekk, id-domanda għal pożizzjonijiet ġodda f'dan is-settur hi mistennija li tiżdied bi projezzjoni ta’ 8 miljun opportunità ta' impjieg totali bejn l-2010 u l-2020. Għas-settur tal-ICT, sal-2015, hu mistenni li sa 700 000 pożizzjoni vakanti se jkun disponibbli għal prattikanti tal-ICT. Iż-żewġ setturi jiffaċċjaw sfidi simili biex jissostitwixxu forza tax-xogħol li qed tixjieħ ma’ ħaddiema iżgħar. In-nuqqas ta’ ħiliet sinifikanti huma rrappurtati b’mod ġenerali fi ħdan is-setturi tal-ekonomija ekoloġika, is-settur tal-ICT u l-kura tas-saħħa speċjalment għal impjiegi bi grad għoli ta' speċifiċità teknika.

It-tassazzjoni fuq ix-xogħol għadha għolja u kompliet tiżdied f'għadd ta' Stati Membri, iżda bidliet fil-kompożizzjoni qed inaqqsu l-ispiża tax-xogħol. Porzjon għoli tat-taxxa huwa diżinċentiv għax-xogħol għal dawk li jaqilgħu introjtu sekondarju u għal ħaddiema b'ħiliet baxxi u bi dħul baxx u jista' jkollu impatt negattiv fuq ir-rati ta' impjieg tagħhom fil-livell globali. Fl-2011, il-medja tal-porzjon tat-taxxa għall-UE 27 kien ta' 39.6% meta mqabbla ma' 21% fl-Isvizzera, 29.5% fl-Istati Uniti u 30.8% fil-Ġappun u fil-Kanada. Bħala medja, il-porzjon tat-taxxa fl-Ewropa żdied b'0.3 punti perċentwali bejn l-2010 u 2011, li jaffettwa wkoll dawk li jaqilgħu paga baxxa. Iż-żidiet kienu ġeneralment l-ogħla fl-Istati Membri diġà mħassba bi porzjonijiet ta' taxxa għoljin. Madankollu, dan kien prinċipalment minħabba tibdiliet fit-taxxi fuq id-dħul personali u f'għadd ta' każijiet akkumpanjati bi tnaqqis fl-ispejjeż tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem biex b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol.

Figura 9: Il-porzjon tat-taxxa totali għal dawk li jaqilgħu ftit (bl-użu ta' 67% tal-paga medja bħala prokura għal dan il-grupp) fl-2011 u l-bidla annwali 2010-2011




Deskrizzjoni qasira: ** Dejta għal pajjiżi mhux tal-OECD-UE (BG, LV, LT, MT u RO) hija disponibbli biss għall-2010; ** CY dejta għall-2007. Għal dawn il-pajjiżi, il-bidliet f'taxxa totali għall-perjodu 2009-2010 (għal CY għall-perjodu 2006-2007). Source: OECD*

Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol kompla jiżdied b'kuntratti temporanji u xogħol part-time li jespandu. Bejn l-2007 u l-2011 is-sehem ta' impjegati li jaħdmu f'impjiegi għal żmien fiss jew part-time involontarju żdied f'21 mis-27 Stat Membru. Hemm diverġenzi kbar bejn l-Istati Membri iżda pajjiżi tal-Mediterran u l-Polonja huma kkaratterizzati mill-akbar segmentazzjoni. Il-leġiżlazzjoni assimetrika għall-ħarsien tal-impjiegi bejn impjiegi permanenti u ta' terminu fiss/temporanji hija l-kawża ewlenija għas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Fl-2011, 60.4% f'persuni bejn 15-64 sena li kienu qed jaħdmu fuq kuntratti temporanji għamlu dan b'mod involontarju. Il-probabbiltà li jiġu

impjegati fuq kuntratt permanenti huwa aktar baxx fl-Istati Membri b'leġiżlazzjoni għall-ħarsien tal-impjiegi aktar strett.

Figura 10: Sehem tal-impjegati li jaħdmu f'kuntratti għal żmien fiss jew part-time involontarju (fl-2007 u 2011) u t-tranżizzjonijiet minn impjieg temporanju għal permanenti (2010dejta)




Deskrizzjoni qasira: **Dejta għal SI tirreferi għall-2011; * * Dejta għall-IE hija biss disponibbli għall-2007.*

Sors: *Eurostat, LFS u SILC*

Iż-żgħażagħ huma ferm rrappreżentati żżejjed f'xogħol temporanju fuq is-swieq tax-xogħol tal-UE u s-sitwazzjoni tagħhom ilha tmur għall-agħar maż-żmien. Fl-2011, xi 42.5% tal-ħaddiema żgħażagħ fl-UE kienu qegħdin jaħdmu fuq kuntratti temporanji, meta mqabbel ma' 14.0% tal-medja fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. L-evidenza turi li fost iż-żgħażagħ, impjiegi temporanji jistgħu sa ċertu punt jservu ta' pass 'il quddiem għal impjieg permanenti, iżda dan mhuwiex il-każ f'għadd ta' Stati Membri oħra, fejn ir-rati ta' tranżizzjoni minn kuntratti temporanji għal permanenti huma partikolarment baxxi.

Figura 11: Impjegati f'xogħol permanenti u temporanju, l-impjiegi għal dawk li jaħdmu għal rashom u l-impjegati totali 2007Q1-2012Q1 (15-64),




Sors: *Eurostat*

L-impjiegi part-time jirrappreżentaw sehem sinifikanti għat-tkabbir tax-xogħol esperjenzat matul il-kriżi. Filwaqt li l-impjiegi totali naqsu bejn l-2008 u l-2010 u n-numru ta' ħaddiema full-time naqas b'6.2 miljun, in-numru ta' persuni li jaħdmu part-time żdied b'1.1 miljun f'dak l-istess perjodu. L-espansjoni ta' xogħol part-time kien stabbli f'dawn l-aħħar snin u laħaq 18,8% fl-2011. Madwar terz tan-nisa fl-impjiegi huma part-time meta mqabbel ma' biss 8,1% tal-irġiel, u dan jirrifletti l-fatt li s-servizzi tal-kura tat-tfal jkopru biss 28% tat-tfal taħt l-età ta' 3 snin u 84% ta' tfal 'il fuq mit-3 snin.

Hemm sinjali reċenti ta' deterjorament fit-tlaqqigħ tax-xogħlijiet fil-proċess fuq is-swieq tax-xogħol Ewropej. Għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-kurva Beveridge, li jgħaqqad r-rati ta qgħad ma' postijiet vaknti, mexxa 'l barra aktar lejn il-lemin. Madankollu, tliet Stati Membri imxew tul il-kurva Beveridge (BE, AT u FI) mill-bidu tal-2008 u għal Stat Membru wieħed il-kurva tkun bidla 'l ġewwa (DE), li turi titjib tas-swieq tax-xogħol u tal-proċess ta' tqabbil. Id-deterjorament jista' jkun konsegwenza ta' nuqqasijiet ta' tqabbil bejn ħiliet u kwalifiki edukattivi meħtieġa għal ċertu xogħol, li jiżdied il-qgħad fuq żmien twil, reazzjoni inadegwata għal bidliet demografiċi u l-ineffiċjenzi fis-servizzi offruti mis-servizzi ta' impjieg. Madankollu jista' jkun ukoll il-konsegwenza ta' frizzjoni u ostakli għal mobilità ġeografika u okkupazzjonali u l-informazzjoni asimmetrika bejn min jimpjega u l-impjegati. Iċ-ċittadini Ewropej għadhom jaffaċċjaw ostakli legali, amministrattivi u prattiċi meta jiċċaqilqu bejn il-fruntieri. Aktar riformi huma previsti biex tittrasforma l-EURES[5] f'għodda skont id-domanda għal reklutaġġ intra-UE, it-tqegħid u t-tlaqqigħ tal-impjiegi, li tippermetti lill-Istati Membri biex jiżviluppaw servizzi tal-EURES tagħhom skont il-ħtiġijiet ekonomiċi speċifiċi tagħhom, pereżempju permezz ta' appoġġ ta' xogħlijiet fejn hemm nuqqas ta' ħaddiema u gruppi speċifiċi ta' ħaddiema, inklużi ż-żgħażagħ.

Figura 12: Il-Kurva Beveridge, UE-27, 2008 (Q1) – 2012 (Q3)




[5] In-netwerk tal-31 Servizz ta' Impjieg Ewropej li jappoġġja l-mobilità tal-ħaddiema bejn l-Istati Membri, il-pajjiżi taż-ŻEE u l-Isvizzera.

Sors: *Eurostat,* id-dejta użata hija: (i) ir-rata tal-qgħad (UR,%), u (ii) l-indikatur tan-nuqqas ta' ħaddiema (LSI,%), derivata minn riżultati ta' stħarriġ tan-negozju tal-UE

Qgħad strutturali persistenti jirriskja li ssir parti integrali. Iċ-ċaqliq ‘il barra rreġistrat fil-kurva Beveridge jista’ jkun temporanju, minħabba li s-suq tax-xogħol jikseb biex jirreaġixxi u jadatta għat-tibdil fl-attività ekonomika pereżempju permezz ta’ bidliet fid-dinamiċi tal-pagi, fit-taħriġ mill-ġdid jew f’politiki intensifikati attivi fis-suq tax-xogħol. Madankollu, il-bidla tista’ wkoll tipponta għal aktar problemi strutturali fit-tul li jheddu li jiżdied b'mod permanenti l-livell tal-qgħad strutturali. Id-dejta turi li l-livell ta’ qgħad strutturali imkejla b'rati tal-paga li ma jaċċellerawx ta’ qgħad (NAWRU) żdied fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE sa mill-bidu nett tal-kriżi u li din iż-żieda tkun koevoluta mad-deterjorament tal-kurva Beveridge.


Figura 13: Ir-rata tal-paga li ma taċċellerax (%) ta’ qgħad (NAWRU) għal kull Stat Membru



Sors: *AMECO*

Riċentement kien hemm tnaqqis fin-nefqa fuq politiki attivi tas-suq tax-xogħol għal kull persuna qiegħda. L-evidenza turi li l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol għandhom effett pożittiv fuq r-rati tal-impjieg, partikolarment għan-nisa u ħiliet baxxi tal-popolazzjoni. Dawk l-Istati Membri bl-inqas livell ta' qgħad fuq żmien twil huma wkoll fost dawk fejn il-livell ta' parteċipazzjoni f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol huwa l-ogħla, għalkemm fatturi oħra setgħu kkontribwew għal din il-prestazzjoni tajba. Madankollu, it-tnaqqis effettiv f'riżorsi ALMP għal kull persuna qiegħda naqas b'aktar minn 20% bejn l-2007 u l-2010[6].

Figura 14: Parteċipazzjoni fl-ALMP 2010 u r-rata tal-qgħad fuq żmien twil 2011



Sors: *Eurostat*

L-effett ta' assorbiment tas-sistema tal-protezzjoni soċjali fuq d-dħul ta' unitajiet domestiċi bħala stabbilizzatur awtomatiku beda jiddgħajjef wara l-2009. Fl-ewwel faži tal-križi, il-benefiċċji soċjali kellhom irwol importanti biex jsostnu d-dħul tal-unitajiet domestiċi. Fiż-żona tal-euro, il-benefiċċji soċjali netti u t-taxxi mnaqqsa kontribwew b'mod pożittiv għall-bidla f'introjtu disponibbli domestiku gross matul l-2009 u fl-ewwel żewġ kwarti tal-2010. Madankollu, fit-tieni faži tal-križi ekonomika dan l-effett beda jiddgħajjef. Fi tmiem l-2010, il-kontribuzzjoni tal-benefiċċji soċjali għall-bidla fid-dħul ta' kull unità domestika bdiet issir negativa. F'ċerti pajjiżi, aktar u aktar nies mhumiex koperti minn xi skema għal kollox. Id-dgħjufija hija relatata mat-tnaqqis ta' intitolament għal benefiċċji matul iż-żmien, it-tneħħija gradwali ta' miżuri ta' appoġġ inizjali għad-dħul diskrezzjonarju, u, f'ċerti pajjiżi, għat-tnaqqis fin-nefqa soċjali li kien parti mill-programmi ta' konsolidazzjoni fiskali.

Hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fl-effiċjenza tan-nefqa tagħhom, jiġifieri fl-eżiti u fl-effetti tat-tnaqqis tal-faqar li jiksbu effett għal kull unità ta' nefqa meta x-xejriet tan-nefqa u strutturi f'dispożizzjonijiet ta' protezzjoni soċjali huma simili. Is-sistemi ta' taxxi u benefiċċji, huma fost l-aktar strumenti importanti biex jipprevjenu u jindirizzaw il-faqar fid-dħul. Fl-2010, in-nefqa fuq il-benefiċċji tal-ħarsien soċjali (eskluži l-pensjonijiet) naqset ir-rata tal-faqar fl-UE minn 26% għal 16%, jiġifieri b'37%. Madankollu, in-nefqa f'ammonti simili tal-Istati Membri fuq il-ħarsien soċjali kisbet aktar riżultati differenti, u viċi versa. Xi pajjiżi rnexxilhom inaqqsu r-rati tal-faqar fost it-tfal u l-anzjani jew l-assenza minħabba mard ma' nefqa inqas minn oħrajn. Xi pajjiżi jista' jkollhom livelli aħjar ta' benefiċċji għan-nies minħabba li rnexxilhom inaqqsu il-ħin li huma jiddedikaw fuq il-

[6] L-estimi tal-OECD ibbażati fuq Programmi ta' Suq tax-Xogħol tal-OECD u l-Bażijiet tad-Dejta Ewlenin ta' Indikaturi Ekonomiċi Ewlenin.

benefiċċji billi jġibuhom lura malajr għax-xogħol. Il-kisba ta' bilanċ bejn mezzi universali u dawk il-benefiċċji ttestjati fuq il-mezzi u bejn benefiċċji fi flus kontanti u mhux bi flus li jistgħu jikkontribwixxu biex jattivaw in-nies biex jaħdmu. Il-kejl tan-nefqa għall-protezzjoni soċjali kontra t-tnaqqis tal-faqar jissuġġerixxi li xi sistemi huma aktar effiċjenti minn oħrajn. BG, LV, PL u RO huma miġbura fil-qasam ta' nefqa baxxa b'impatt baxx; ES, IT, PT, CY (u EL) juru riżultati simili imma għal nefqa ikbar. Huma jaħdmu wkoll taħt il-medja tal-UE f'termini tat-tnaqqis tal-faqar tat-tfal.

Għad baqa' sfidi ewlenin fl-implimentazzjoni sħiħa ta' strateġiji ta' inklużjoni attivi, li jiffokaw b'mod konkomitanti fuq appoġġ ta' dħul adegwat, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi ta' kwalità. Moviment lejn politiki tal-benesseri attivi u l-indirizzar ta' diżinċentivi finanzjarji li jaħdmu issa hija viżibbli f'ħafna Stati Membri. Madankollu, għad jeżistu differenzi persistenti fil-livell ta' kopertura ta' assistenza soċjali u skemi ta' dħul minimu mal-Istati Membri u sfidi għadhom hemm li jridu jilħqu gruppi li jesperjenzaw l-agħar forom ta' faqar (bħal dawk bla dar u r-Roma). Li jiġi żgurat appoġġ ta' dħul adegwat hija għodda effettiva għal tħaffif tat-tranżizzjoni lejn ix-xogħol, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u li tkun xprunata d-domanda globali. Kura tat-tfal ta' kwalità u affordjabbli tappoġġja l-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol u jagħtu t-tfal l-aħjar opportunitajiet fil-ħajja, iżda l-evidenza turi li l-familji l-aktar vulnerabbli jkunu ġeneralment b'rati aktar baxxi ta' parteċipazzjoni minħabba fatturi bħad-disponibbiltà u l-aċċess, l-affordjabbiltà, l-eliġibbiltà, l-għażla tal-ġenituri.

3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RIFORMI STRUTTURALI FIS-SUQ TAX-XOGĦOL

Il-Kunsill Ewropew ta' bejn l-1 u t-2 ta' Marzu 2012, bbażat fuq is-SAT tal-Kummissjoni tal-2012, stabilixxa l-politika għall-Istati Membri biex jissottomettu l-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom li fihom il-pjanijiet għar-riformi tas-suq tax-xogħol għall-kisba tal-miri ewlenin tal-UE stabbiliti fil-linji gwida dwar l-impjiegi. Abbażi tal-proposti mill-Kummissjoni, il-Kunsill adotta r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jenfasizzaw l-oqsma li fihom l-Istati Membri għandhom iwettqu riformi politiċi f'numru ta' oqsma fi ħdan il-qafas globali tal-linji gwida għall-Politiki tal-Impjieg.

It-taqsima li ġejja tirrifletti l-miżuri tal-politika meħuda mill-Istati Membri fid-dawl tal-PNR tagħhom u l-prijoritajiet stipulati fis-SAT tal-2012.

3.1. Il-mobilizzazzjoni tax-xogħol għat-tkabbir:

Diversi Stati Membri (BE, CZ, EE, HU, IE u PT) qegħdin jieħdu passi biex isaħħu l-politiki attivi **tas-suq tax-xogħol (ALMPs) u tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg (SPI)**. Fil-BE, żdiedu s-sussidji fil-pagi għall-impjegati kkunsidrati bħala "impjegati b'għarfien" (jiġifieri riċerkaturi mis-setturi privati u pubbliċi). Fir-CZ, servizz lill-komunità huwa użat bħala miżura ta' attivazzjoni, ikkoordinat mill-Uffiċċju tax-Xogħol. Fl-EE l-Programm ta' Xogħol ġdid għall-2012-2013 joffri għażla usa' ta' ALMPs u jespandi l-grupp fil-mira intitolat għal miżuri differenti. Fl-HU l-ALMPs ġew rinfurzati b'enfasi fuq it-taħriġ ta' impjegati PSE, bl-iżvilupp ta' mudelli ta' servizz orjentati lejn il-klijent, pakkett ta' servizzi għal mikro- SMEs, l-espansjoni tal-funzjonijiet ta' portal tal-PSE u e-servizzi u t-trasformazzjoni ta' skemi ta' xogħol pubbliku. Fl-IE il-kundizzjonalità qiegħda tissaħħaħ biex tiżgura li ħaddiema part-time huma mħeġġa jieħdu impjieg full time. Finalment, fil-PT qed jittieħdu miżuri sabiex tiżdied l-effettività tal-PSE u skemi ta' sussidju għall-pagi ġew introdotti għal dawk qiegħda.

Fl-2011 u fl-2012, il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol għadu għoli b'żieda globali fil-prezz tax-xogħol anke jekk sar xi progress għal xi kategoriji ta' ħaddiema vulnerabbli bħal impjegati b'ħiliet baxxi/bi dħul

baxx. Ħafna Stati Membri (BE, DK, CY, FI, EL, ES, IE, IT, FR, LU, NL, PT, SL, UK) reċentement żiedu t-**taxxa fuq id-dħul personali**, spiss permezz ta' żieda fir-rati statutorji. Ħafna drabi dan kien magħmul fuq bażi temporanja fil-forma ta' imposti ġenerali jew kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għal dawk bi dħul għoli (GR, IT, CY, LU, PT, SP). AT u CZ jippjanaw ukoll li fi ftit żmien jintroduċu miżuri simili. Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kienu żiedu wkoll f'ħafna pajjiżi (AT, BG, CY, FR, EL, HU, LV, PL, PT, UK).

Miżuri li jnaqqsu t-taxxa fuq ix-xogħol kienu prinċipalment immirati biex jiżdiedu l-inċentivi għax-xogħol għal gruppi speċifiċi u ġeneralment involvew bidliet fil-bażi għat-taxxa. Fil-BE pereżempju, sett sħiħ ta' tnaqqis tas-sigurtà soċjali huwa mmirat lejn iż-żgħażagħ, impjegati bi paga baxxa u impjegati anzjani, u l-ingaġġar ġdid fl-SMEs jew persuni li jaħdmu għal rashom. Il-miżuri ta' ħelsien mit-taxxi kienu wkoll mogħtija lil dawk bi dħul baxx u medju billi żiedu krediti tat-taxxa u l-konċessjonijiet bażiċi fil-FI u fl-HU. Fir-SE żdiedu l-konċessjonijiet fuq dħul bażiku għad-dħul mix-xogħol għal persuni ta' aktar minn 65 sena li jimmiraw li jżidu ż-żmien tax-xogħol tal-ħajja.

Qed jittieħdu varjetà ta' miżuri biex jippromwovu l-**ħolqien ta' negozju u xogħol indipendenti** (AT, BE, BG, EE, ES, IE, MT, HU, PL, PT, UK). Fl-AT, proġett pilota jipprovdi appoġġ addizzjonali għal apprentisti u kumpaniji li joffru postijiet ta' apprendistat li jinkludu wkoll servizzi ta' pariri legali u medjazzjoni. Fil-BE, jittieħdu miżuri biex jittejjeb l-aċċess għall-kreditu għal kumpaniji, jippromwovu simplifikazzjoni amministrattiva, jew inaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fis-settur Horeca. Fil-BG, l-impjieg għal dawk li jaħdmu għal rashom huwa promoss permezz ta' gwida, taħriġ u għajnuna biex jibdew negozju għal rashom jew permezz tal-għoti ta' tagħmir u tiswijiet ta' impriżi żgħar li għadhom kif ġew stabbiliti. Fl-ES il-ħolqien ta' negozji qed jiġi simplifikat permezz ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq negozji iżgħar u jippermetti ħinijiet ta' ftuħ itwal fiż-żoni turistiċi. Fl-IE, firxa ta' għajnuniet huma pprovduti li jinvolvu għotjiet kapitali, b'fondi għal self u garanziji, inċentivi għan-negozji ġodda eċċ. F'MT, qed jittieħdu miżuri biex titnaqqas il-burokrazija għal dawk li jaħdmu għal rashom u "Skema ta' Garanzija Mikro" ġiet imħabbra biex jgħinu nies li jaħdmu għal rashom u n-negozji ż-żgħar biex jiksbu garanziji għas-self bankarju. Fil-PL, l-intraprenditorija, l-impjiegi għal dawk li jaħdmu għal rashom u l-attività tan-negozju huma promossi permezz tal-FSE. Fil-PT l-aċċess għall-kreditu huwa pprovdut lill-intraprendituri u dawk li jaħdmu għal rashom, u huwa pprovdut appoġġ tekniku għal persuni qiegħda li jridu joħolqu n-negozju tagħhom stess. Fir-Renju Unit, l-Iskema ta' Garanzija tas-Self Nazzjonali ġiet msaħħa biex tinkoraġġixxi banek sabiex isellfu b'mod aktar liberu lill-SMEs.

Xi Stati Membri ħadu l-miżuri li **jadattaw il-benefiċċji tal-qgħad** biex jiffaċilitaw ir-ritorn lejn ix-xogħol (BE, ES, IE, IT, SE). Fil-BE, ir-riforma adottata tas-sistema tal-benefiċċju tal-qgħad timplika li l-konċessjonijiet qed jonqsu aktar kmieni u aktar malajr minn qabel. Fl-ES, il-benefiċċju tal-qagħad tnaqqas għal diversi gruppi. Fil-PT liġi ġdida tnaqqas it-tul massimu u l-ammonti tal-benefiċċji tal-qgħad bil-ħsieb li tnaqqas ir-riskju ta' dipendenza fuq il-benefiċċji u tal-qgħad fit-tul. Fir-SE, ġew introdotti aktar regoli stretti ta' eliġibbiltà, rati ta' sostituzzjoni għal dħul iktar baxx u tul massimu għal benefiċċji tal-qgħad.

Aktar sforzi għat-tisħiħ ta' **responsabbiltà reċiproka** qed isiru fl-ES, billi jagħqdu l-kundizzjonalità mal-parteċipazzjoni fl-ALMP. Fl-IE, ġie introdott fowkus iktar ċar dwar il-kundizzjonalità għal dawk li qed ifittxu x-xogħol b'enfasi partikolari fuq in-nies qiegħda fit-tul. Fl-IT, is-sistema l-ġdida tal-assigurazzjoni soċjali għall-impjiegi se gradwalment tieħu post is-sistema attwali ta' benefiċċji tal-qgħad.

Għadd ta' Stati Membri ħadu miżuri biex jindirizzaw l-**issettjar tal-pagi** biex jiġi żgurat li l-pagi jiżviluppaw f'konformità mal-produttività (EL, ES, PT). Fl-ES, riforma riċenti fis-suq tax-xogħol tagħti l-prijorità lil deċiżjonijiet fuq livell ta' kumpanija dwar is-sigħat ta' xogħol u pagi u tagħmilha aktar faċli għal kumpaniji biex jagħżlu l-esklużjoni ta' ftehimiet settorjali. Fil-PT żviluppi fil-pagi li jkunu konsistenti ma' kundizzjonijiet fil-livell ta' kumpaniji huma żgurati billi jeżentaw ftehimiet kollettivi fejn assoċjazzjoni ta' dak li jħadem jkopri inqas minn 50% tal-forza totali tax-xogħol.

Fil-DE, is-sistema tal-pagi minimi settorjali tiġbor fiha aktar u aktar setturi. Fl-HU, il-Kodiċi tax-Xogħol il-ġdida daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2012, li timplika żieda fil-paga minima ta' 19%. Miżuri ta' iffissar tal-pagi huma introdotti fl-EL flimkien mad-deċiżjoni li jnaqqsu l-pagi minimi u jintroduċu paga minima differenzjata għaż-żgħażagħ.

Miżuri għat-**tisħiħ tal-mobbiltà tax-xogħol** ġew meħuda minn għadd ta' Stati Membri (AT, BG, DE, ES, LV, HU). Fl-AT, l-introduzzjoni tal-Karta Ħamra-Bajda-Ħamra, sistema ta' punteġġ ibbażata fuq kriterji għal aċċess għas-suq tax-xogħol ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, tlestiet billi infetħet ukoll għal ħaddiema tas-sengħa f'professjonijiet fejn hemm nuqqas ta' ħaddiema. Fil-BG, l-adozzjoni ta' Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki għandu jiżgura t-trasparenza ta' taħriġ vokazzjonali tal-istudenti u l-ħaddiema u l-ħtiġijiet ta' min iħaddem dwar is-sistemi edukattivi u ta' taħriġ. Fid-DE, ġiet approvata liġi li tbaxxi l-limitu tad-dħul ta' migranti b'edukazzjoni universitarja minn barra l-UE. Fil-LV, ġiet proposta skema għal benefiċċju ta' rilokazzjoni biex jikkumpensaw lill-ħaddiema li ċċaqalqu minn fejn jgħixu biex jaħdmu f'lokalità/muniċipalità oħra. Fl-HU l-Gvern jappoġġja l-mobbiltà billi jagħti appoġġ finanzjarju għal ħlasijiet tal-kera għal persuni qiegħda rreġistrati li jmorru jgħixu 100 kilometru mill-post tal-oriġini tagħhom.

L-Istati Membri qed jieħdu miżuri biex **jitnaqqas il-ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol** (AT, BE, ES, DK, IE, NL, HU, UK). Fl-AT, riformi ġew introdotti biex jitnaqqas in-numru ta' pensjonijiet tal-invalidità. Fil-BE, il-limitu ta' età għal aċċess tal-impjegati anzjani għas-sistema ta' kreditu ta' ħin żdiedet u s-sistema ta' rtirar kmieni mix-xogħol part-time twaqqfet. Fid-DK, pjanijiet ta' riforma tal-pensjonijiet tad-diżabbiltà jeħtieġu li possibbiltajiet ta' attivazzjoni jispiċċaw qabel ma jitqies l-irtirar bikri. Fl-ES, l-iskeda għal żieda fl-età statutorja tal-irtirar se tiġi aċċellerata, bl-età tal-irtirar kmieni se tiżdied minn 61 sa 63 ma' pieni akbar għal irtirar kmieni, u sospensjoni mill-aċċess għall-irtirar parzjali għal sentejn. Fl-IE inizjattivi ġodda se jippermettu lin-nies li jirċievu ħlas ta' Mard jew ta' Invalidità biex kemm jaħdmu u wkoll biex jirċievu appoġġ ta' dħul u l-età legali tal-irtirar se tiżdied għal 68 mill-2028. Fl-NL, qed jittieħdu passi biex gradwalment tiżdied l-età tal-pensjoni għal 67 sal-2023 u wara jista' jkun marbut mal-istennija tal-għomor. Fl-HU l-irtirar kmieni ġie abbandunat bħala regola ġenerali. Il-Gvern tar-Renju Unit riċentement ħabbar pjanijiet biex jorbot l-età tal-pensjoni mal-istennija tal-għomor.

Il-miżuri jiffukaw ukoll fuq il-promozzjoni ta' **ħajja tax-xogħol itwal** (AT, BE, BG, DE, EE, FI, LU, PL, UK). Fl-AT, miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, miżuri ta' integrazzjoni professjonali mill-ġdid u taħriġ mill-ġdid, konċessjonijiet part-time u s-sussidji tal-impjiegi huma disponibbli għal ħaddiema iktar anzjani b'debbolezzi tas-saħħa. Fil-BE, minn tkeċċijiet kollettivi, il-kumpaniji b'aktar minn 20 impjegat huma mġiegħla japplikaw l-istess struttura ta' età fl-istruttura tal-età tal-kumpanija u se jkunu obbligati jiżviluppaw pjan annwali għall-impjegati minn 45 u aktar. Fil-CZ, l-età tal-pensjoni se tiżdied b'xahrejn kull sena mingħajr limitu wara r-riforma tal-pensjoni adottata fi tmiem l-2011. Fl-EE, l-enfasi hija fuq il-ħaddiema anzjani, il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja u l-assigurazzjoni tas-saħħa tagħhom. Fl-FI, qed isiru sforzi biex titjieb il-kwalità tal-ħajja tax-xogħol u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol bħala mezz biex tiġi estiża l-ħajja tax-xogħol. Fil-LU l-kumpaniji b'aktar minn 150 impjegat huma mġiegħla biex jipprovdu iżjed appoġġ lil ħaddiema aktar anzjani f'kumpaniji. Fil-PL, qed isiru sforzi biex jiżdiedu l-opportunitajiet tat-tagħlim għal persuni anzjani u titjieb il-kwalità ta' edukazzjoni għal persuni anzjani. Fir-Renju Unit, l-età tal-irtirar awtomatika ġiet abolita f'Ottubru 2011.

Xi Stati Membri ħadu miżuri li ma jappoġġawx l-estensjoni tal-ħajjiet tax-xogħol. Fil-CZ, se jkun hemm żieda fit-tassazzjoni tax-xogħol ipprovdut mill-pensjonanti, li probabbilment se jnaqqas il-parteċipazzjoni ta' persuni anzjani fis-suq tax-xogħol. Fi FR il-possibbiltà ta' irtirar mas-60 sena għal dawk li jkunu bdew jaħdmu mat-18-il sena, jekk ikunu kkontribwixxew b'mod adegwat għas-sistema ta' protezzjoni soċjali ġiet istitwita mill-ġdid. Fl-HU l-età tal-irtirar tal-impjegati pubbliċi kollha, eskluži dawk li jaħdmu fis-settur mediku, saret mandatorja.

3.2. Appoġġ għall-impjiegi speċjalment taż-żgħażagħ

Ittieħdu numru ta' miżuri biex isostnu l-impjiegi taż-żgħażagħ speċjalment dawk li m'għandhomx impjieg, edukazzjoni jew taħriġ. Il-FI qed tniedi **Garanzija għaż-Żgħażagħ** komprensiva biex joffru x-xogħol liż-żgħażagħ, skemi ta' taħriġ, jew studju, sessjoni ta' ħidma jew post għal riabilitazzjoni tas-suq tax-xogħol fi żmien 3 xhur tal-qgħad.

Grupp ta' pajjiżi (BE, BG, ES, CY, IE, PL, PT, SE u SI) qed jippromwovu inizjattivi li jimmiraw lejn it-**titjib tal-kwalità ta' kuntratti ta' apprendistati** u ta' skemi ta' taħriġ. Fil-BE, ġiet introdotta skema ikbar ta' skemi ta' taħriġ fi ħdan kumpaniji għal nies qiegħda taħt il-25 sena li ma sabux impjieg wara sitt xhur tal-integrazzjoni fix-xogħol. Fil-BG skemi ta' taħriġ huma promossi fl-uffiċċji ċentrali u reġjonali tal-amministrazzjoni pubblika u jagħtu prijorità lil żgħażagħ b'diżabilitajiet. Fl-IE, inizjattivi huma meħuda biex jattivaw u jtejbu l-ħiliet ta' żgħażagħ permezz ta' 5,000 skema ta' taħriġ b'tul ta' bejn 6 u 9 xhur. Fl-ES, ittieħdu passi biex tiżviluppa kuntratt għall-edukazzjoni u l-apprendistat, u biex tiġi stabbilita sistema ta' taħriġ vokazzjonali doppju. Fil-PL proġett pilota qed jimmira għal dawk qiegħda li għandhom inqas minn 30 sena b'appoġġ individwali ta' tutur, b'taħriġ intern u b'vawċers ta' taħriġ. Fil-PT skemi ta' taħriġ okkupazzjonali u l-allokazzjoni ta' impjiegi huma appoġġjati. Fl-SI ż-żgħażagħ qiegħda taħt it-30 sena huma offruti impjieg għal perjodu ta' 15-il xahar u l-gvern qed jippromwovi apprendistat volontarju fi ħdan l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u l-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni f'istituzzjonijiet. Fir-SE, il-gvern jagħti kumpaniji sa EUR 2,750, għal kull student u sena, biex iħeġġeġ il-provvista tal-pożizzjonijiet ta' apprendistat f'postijiet tax-xogħol, u l-għotja statali qed tiġi proposta biex tiżdied aktar fl-2014-16.

Azzjonijiet konkreti oħra għall-appoġġ taż-żgħażagħ li m'għandhomx impjieg, edukazzjoni jew taħriġ jinkludu programmi ffokati fuq id-**dimensjoni tat-taħriġ vokazzjonali** (DE, LV, FI), taħriġ fuq ix-xogħol stess (LT) u dwar l-appoġġ finanzjarju (HU). Fil-DE żgħażagħ minn familji immigranti issa għandhom opportunitajiet imtejba biex jidħlu f'programm ta' taħriġ vokazzjonali. Fil-LT il-proġett "Żieda fl-Impjiegi taż-Żgħażagħ", immirat lejn il-persuni li għandhom anqas minn 29 sena jissussidja pagi u spejjeż għall-ksib ta' ħiliet ta' organizzazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Fil-LV, persuni bejn il-15 u l-24 sena bla xogħol jingħataw l-opportunità matul perjodu ta' disa' ġimgħat biex jippruvaw esperjenza fi tliet vokazzjonijiet differenti f'istituzzjoni ta' taħriġ vokazzjonali. Fl-HU ġiet introdotta l-"garanzija tal-ewwel impjieg", li tipprovdi kumpens għall-paga lil dawk li jħadmu inkluż l-paga gross u l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali.

F'għadd ta' Stati Membri ġew stabbiliti **sħubijiet** mal-**imsieħba soċjali** biex jippromwovu apprendistati ta' kwalità jew kuntratti ta' taħriġ (BG, CZ, FR, IE, IT, LU, RO u SK). Fil-BG miżuri għandhom l-għan li jipprovdu jew jagħtu sostenn għall-ispejjeż tal-investiment u tax-xogħol għall-ħolqien tal-impjiegi għaż-żgħażagħ. Fir-CZ, proġett iffinanzjat mill-FSE, jappoġġja l-ispejjeż ta' skemi ta' taħriġ lil kumpaniji, notevolment il-gradwati u l-persuni li għandhom nuqqas ta' esperjenza ta' xogħol u għad iridu jitlestew il-profili tal-ħiliet tagħhom. Fl-IE miżuri ġodda jipprovdu postijiet ta' taħriġ addizzjonali għal dawk qiegħda permezz ta' kollaborazzjoni u impenn bejn min iħaddem u l-intraprenditorija u l-edukazzjoni u dawk li jipprovdu t-taħriġ. Fir-RO, intrapriżi li jimpjegaw ħaddiema żgħażagħ taħt l-età ta' 25 se jirċievu għal kull ħaddiem impjegat sena ta' eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni soċjali fl-SK, l-impjiegi fis-settur privat se jkunu sussidjati sal-livell ta' paga minima għal sena filwaqt li min iħaddem għandu jikkontribwixxi għal mill-inqas sitt xhur.

Miżuri li jirriformaw il-**leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tal-impjiegi** għadhom biss ittieħdu fi ftit pajjiżi (HU, SK u IT). Fl-HU il-bidliet jinkludu r-regolamenti ta' żamma ta' impjiegi multipli, ir-regolament

ta’ arranġamenti għal ħinijiet tax-xogħol flessibbli u s-simplifikazzjoni tar-regoli ta’ tkeċċija. Il-PT naqqas ħlasijiet għal terminazzjonijiet għal 20 ġurnata għal kull sena ta’ xogħol kemm għal kuntratti ta’ żmien indefinit u kuntratti għal żmien definit u taffa d-definizzjoni ta’ tkeċċijiet individwali għal raġunijiet ekonomiċi. Fl-IT il-leġiżlazzjoni li tirregola tkeċċijiet individwali nġusti f’kumpaniji b’aktar minn 15-il impjegat, ġiet riveduta biex tiżdied il-flessibbiltà mal-ħruġ mis-suq tax-xogħol u miżuri ġew introdotti biex jillimitaw l-abbużi ta’ kuntratti atipiċi tax-xogħol. Fis-SK ittieħdu miżuri biex jirrestrinġu t-tul massimu u n-numru ta’ kuntratti ta' żmien definit suċċessivi u neħħew eċċezzjonijiet għall-aġenziji tax-xogħol temporanju.

Huma biss ftit Stati Membri li qed jagħmlu progress dwar l-**adattament ts-sistemi ta' edukazzjoni u s-sistemi ta’ taħriġ biex jirriflettu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol** (BE, IE, LT, MT u SK). Fl-IE l-miżuri għandhom l-għan li jgħinu l-persuni qiegħda u nies li qabel kienu jaħdmu għal rashom biex jibqgħu kemm jista’ jkun qrib fis-suq tax-xogħol billi ikollhom aċċess għal opportunitajiet ta’ edukazzjoni ogħla u taħriġ part-time biex itejbu l-ħiliet jew jitħarrġu mill-ġdid f’oqsma fejn opportunitajiet ta’ xogħol sostenibbli huma probabbli li jirriżultaw. Fil-LT, il-kwalifiki se jiġu analizzati f’diversi stadji sabiex jipprovdu informazzjoni aħjar lin-nies dwar l-istruttura tad-domanda tal-ħiliet u biex jidentifikaw l-ispeċjalitajiet li huma l-aktar mitluba. F’MT, l-istudenti huma mħeġġa biex ikomplu l-edukazzjoni tagħhom permezz ta’ kwalifiki meħtieġa mill-industrija u permezz ta’ kreditu fiskali li jkopri sa 80% tal-miżati tal-kors imġarrba. Is-SK dan l-aħħar adotta l-Att dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali li għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn il-ETV u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Wkoll fi-BE l-Komunitajiet kollha ħadu miżuri biex jirriformaw it-taħriġ vokazzjonali bil-għan li tissaħħaħ il-kwalità tiegħu, il-flessibbiltà u r-rabtiet mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol.

Ittieħdu numru ta’ miżuri biex **jirrevedu l-kwalità u l-finanzjament tal-universitajiet** (IT, LV u MT). L-IT ħadet passi biex tonqos il-ġenerożità hekk kif miżati għat-tagħlim huma maħsuba li jiżdiedu bejn 25% u 100%. Fir-rigward ta’ borża ta’ studju, MT biss ħabbret il-kontinwazzjoni taż-żewġ skemi ta’ borża ta’ studju. Il-LV għamlet skala kbira ta’ valutazzjoni ta’ aktar minn 800 programmi ta’ studju ta’ edukazzjoni ogħla u numru ta' riformi huma maħsuba li jiġu implimentati, inklużi r-riforma fil-proċess ta' akkreditazzjoni, l-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta’ finanzjament tal-universitajiet u r-riforma tal-ġestjoni tal-universitajiet.

Minkejja s-sejħa tas-Semestru Ewropew biex tingħata prijorità għan-nefqa pubblika favur it-tkabbir, hemm evidenza li qed ikun hemm tnaqqis għad-detriment tal-**investiment fl-edukazzjoni**. Għadd sinifikanti ta’ Stati Membri naqsu n-nefqa fl-edukazzjoni f'snin konsekuttivi fl-2011 u l-2012 (EE, IT, LV, LT, UK) jew fl-2011 jew fl-2012 (BE, BG, IE, FR, CY, HU, PL, RO, SK, FI). Diskussjonijiet dwar fowkus fuq il-konsolidament tal-baġit fuq kwistjonijiet ta’ edukazzjoni wkoll fl-ES. B’kuntrast, il-baġits baqgħu stabbli jew żdiedu f'CZ, DK, LU, MT, AT.

3.3. Protezzjoni ta’ persuni vulnerabbli

Għadd ta’ Stati Membri ħadu passi biex jindirizzaw l-**effettività tas-sistemi ta' ħarsien soċjali** (EE, LV u ES). Fl-EE, id-disponibbiltà ta’ benefiċċji ta' assigurazzjoni għall-qgħad se jiżdied b'mod sinifikanti mill-2013 ’il quddiem li jakkumpanjaw u bħala kontrobilanċjament tar-riforma tal-leġiżlazzjoni tal-impjiegi tal-2009. Fl-IE, minkejja tnaqqis ġenerali tal-benefiċċji soċjali, persuni vulnerabbli għadhom jirċievu appoġġ tad-dħul, għalkemm f’livell iżjed baxx. Fil-LV benefiċċji tal-qgħad mhux se jibqgħu jiddependu fuq l-iskema tal-assigurazzjoni tal-anzjanità iżda se tkun ibbażata fuq tnaqqis tal-kopertura sa 9 xhur. Fl-ES l-attivazzjoni tal-iskema ta’ dħul minimu se tkun marbuta mat-tul tal-karriera ta’ ħidma tar-rikorrent.

Xi Stati Membri għamlu progress dwar l-implimentazzjoni ta' **strateġiji ta' inklużjoni attiva** li jiffokaw fuq appoġġ ta' dħul adegwat, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi ta' kwalità (AT, DK, FI, FR, MT, PL u SE). Fl-AT, ġie adottat pjan ta' azzjoni għad-diżabilità li jkopri miżuri fl-oqsma ta' antidiskriminazzjoni, l-aċċessibbiltà, il-kura, l-edukazzjoni, l-impjiegi, il-ħajja determinata mill-persuni nnifishom. Fid-DK, ġiet miftiehma riforma ewlenija ta' pensjonijiet tad-diżabbiltà f'Ġunju 2012 biex tirrestringi l-aċċess għal dawk 'il fuq minn 40 u huma maħsuba timijiet ta' riabilitazzjoni biex jappoġġaw is-saħħa, l-impjiegi, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali. F'MT, l-organizzazzjonijiet volontarji huma mħeġġa li jimpjegaw persuni żvantaġġati permezz tal-allokazzjoni ta' għajnuna finanzjarja. Fir-SE l-gvern biħsiebu jkompli jsaħħaħ aktar il-pożizzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol billi jżid miżuri attivi tas-suq tax-xogħol għal dawk li ilhom qiegħda u persuni b'parteċipazzjoni dgħajfa fis-suq tax-xogħol. Fil-PT suq soċjali bil-kera kien maħluq bil-għan li jkun żgurat l-aċċess għal djar bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għal dawk l-aktar vulnerabbli.

Qed jittieħdu ftit miżuri li jikkonċernaw l-**aċċess għal servizzi li jappoġġjaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol** u fis-soċjetà (CZ, IE u PL). Fir-CZ programm pilota fuq skala żgħira li joffri akkomodazzjoni aħjar u taħriġ mill-ġdid għal familji soċjalment esklużi (speċjalment ir-Roma) li jiżgura l-attendenza sħiħa tat-tfal tagħhom fi skejjel elementari qed jiġi mniedi fil-livell lokali. Fl-IE, l-FSE jappoġġja programmi li għandhom l-għan li jagħmlu l-immigranti finanzjarjament indipendenti u aktar soċjalment integrati permezz ta' impjieg jew iktar edukazzjoni u taħriġ. Fil-PL il-kriterji fuq id-dħul żdiedu għal appoġġ tal-ħaddiema fqar u l-ammont tal-benefiċċji fi flus minn assistenza soċjali żdied inkluż għal barranin u refuġjati li jieħdu sehem f'taħriġ lingwistiku.